MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Numru 581/2002

**Illum 11 ta' Mejju 2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Giuseppa Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Giuseppa Gauci, 45 sena mart il-mejjet Victor, bint Emmanuel Azzopardi u Giovanna nee Saliba mwielda u toqghod il-Mosta fil-21 ta' Mejju, 1957, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 355757 (M).

Akkuzat:

Talli fid-29 ta' Mejju, 2000 u matur is-snin precedenti bhala detentrici tal-fond bl-isem "Jovic", 173, Triq l-Antinni, Mosta, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnha fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. kisret il-gumni tas-servizz elettriku u cioe` tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollha l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom setghet twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, kkommettiet serq tal-kurrent elettriku li l-valur tieghu jeccedi Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema serq hu aggravat bil-mezz, hin u ammont;

2. matul l-istess perjodu kkagunat hsara volontarja fl-istess meter, liema hsara tammonta ghal Lm10 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Ikkonsidrat:

L-akkuza titratta serq ta' kurrent elettriku u hsara fil-meter relattiv.

Illi dwar l-allegati rregolaritajiet riskontrati huma jirreferu ghal fatt li allegatament nstabu zewg toqob irqaq fuq il-bazi t'isfel tal-meter u d-diska kellha sinjal ta' brixx.

Illi l-Artikolu 264 tal-Kap9 jikkreja presunzjoni kontra l-imputat u jinverti l-oneru tal-prova fuqu. Il-presunzjoni hi wahda 'juris tantum' igifieri li tinheleb f'kaz li l-imputat fuq bazi tal-probabbli jipprova li t-tbaghbis ma sarx minnu. Huwa sa dan l-istadju sufficjenti ghall-prosekuzzjoni li tipprova kemm li l-imputat kien detentur tal-fond jew kellu l-kontroll tieghu f'idejh u kemm ukoll l-fatt tal-irregolaritajiet.

Illi fil-kaz in disamina l-meter in kwistjoni ma jirrizultax li gie ezaminat minn espert indipendenti u l-fatt tal-irregolaritajiet gew biss attestati minn impjegati tal-Korporazzjoni cioe` l-parti allegatament leza fil-kawza. L-imputat da parti taghha ddikjarat ruhha totalment injara tal-irregolaritajiet allegatament riskontrati. Hi stqarret li l-meter kien dak originali li kien installat sbatax-il sena qabel meta hi u zewgha, illum mejjet, kienu bnew ir-residenza taghhom. Ziedet tispjega li hi ilha armal ghal circa tmien snin u jirrizulta li l-ispezzjoni kienet saret fuq talba taghha fejn il-meter gie sostitwit. Ukoll l-meter kien qieghed jirregistra.

Illi mill-assiem tal-provi l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz l-imputata irnexxiet fuq bazi tal-probabbli li tehleb il-presunzjoni mixhuta fuqha bl-imsemmi Artikolu 264. Dan l-Artikolu jipprovdi li tissusisti l-htija jew jintwera l-ezistenza tal-mezzi qarrieqa "li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu" jew "li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl tal-markar tal-kwantita mehuda jew kkunsmata". Fil-kaz in ezami lanqas din il-prova mhi certa.

Tiddeciedi ghalhekk li ma ssibx l-imputata hatja tar-reati kontriha dedotti u konsegwentament tilliberha minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------